MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 41/2013/1

**Joseph Lebrun**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-konvenut l-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li sabet ksur tal-jedd tal-attur Joseph Lebrun għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”]. Huwa wkoll appell tal-attur Lebrun minn dik il-parti tal-istess sentenza li, għalkemm laqgħet l-ewwel talba tiegħu billi sabet ksur tal-jedd tiegħu fuq imsemmi, ma laqgħetx it-tieni talba għax ma tatux ir-rimedju minnu mitlub li “tordna t-twaqqif immedjat” tal-proċeduri penali kontrieh.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> “Fis-6 ta’ Novembru 2005 Joseph Lebrun kien tressaq b’arrest u ġie akkużat talli fis-6 ta’ Ġunju 2005:-
>
> “i. assoċja ruhu ma’ persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina (eroina) f’Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;
>
> “ii. importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f’Malta;
>
> “iii. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina;
>
> “Permezz ta’ digriet mogħti fit-23 ta’ Novembru 2005 il-qorti kienet ikkonkludiet li m’hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta’ akkuża, u rrinvijat l-atti għand l-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali.
>
> “Sussegwentement l-Avukat Ġenerali bagħat lura l-atti sabiex *ai termini* tal-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti terġa’ tisma’ lill-uffiċjal tal-Pulizija biex jagħtu x-xiehda u tisma’ kull prova oħra li ġġib il-pulizija. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali ħareġ ukoll mandat ta’ arrest fil-konfront ta’ Joseph Lebrun datat 7 ta’ Diċembru 2005.
>
> “Fit-8 ta’ Diċembru 2005 l-imputat rega’ tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ngħata l-ħelsien taht ċertu kondizzjonijiet fosthom depożitu ta’ Euro 11,646.

“B’rikors tat-13 ta’ Jannar 2006 li sar quddiem il-Qorti Kriminali, l-imputat talab il-liberazzjoni skond l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali. Talba miċħuda b’digriet tat-18 ta’ Jannar 2006.

“Fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddiferiet il-każ *sine die* wara li laqgħet it-talba tal-imputat għal riferenza kostituzzjonali peress li allega li l-proċedura li ntużat biex l-imputat jerġa’ jitressaq il-qorti kien jikser id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

“Fid-9 ta’ Frar 2007 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fejn irrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u ddikjarat li l-proċedura ta’ konsultazzjoni fil-privat tal-Avukat Ġenerali ma’ mħallef magħżul minnu skond l-artikolu 433(3) tal-Kodiċi Kriminali flimkien mat-tkomplija tal-kumpilazzjoni, u l-eventwali ħruġ ta’ att ta’ akkuża x’aktarx ser jiksru d-dritt ta’ Lebrun għal smigħ xieraq kif garanti bl-artikolu 39(1) u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

“Wara din is-sentenza saret emenda fil-Kodiċi Kriminali bl-Att VI tal-2007 li daħal fis-seħħ fis-27 ta’ April 2007. Dakinhar stess l-Avukat Ġenerali ppreżenta rikors lill-Qorti Kriminali fejn talabha tiddikjara li fit-23 ta’ Novembru 2005 kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex Lebrun jitqiegħed taħt att ta’ akkuża u tordna l-kontinwazzjoni tal-proċeduri kontra tiegħu skond l-imsemmija liġi.

“B’digriet mogħti fit-3 ta’ Mejju 2007 il-qorti laqgħet it-talba u ddikjarat li:-

> ““Dawn il-provi, fl-istragrandi maġġoranza tagħhom indizzjarji, meta meħuda fl-assjem tagħhom, huma biżżejjed biex jindikaw probabilità ta’ ħtija fir-rigward ta’ xi waħda jew aktar mill-imputazzjonijiet dedotti kontra lintimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija mwettaq bil-ġurament. Huwa dan u dan biss li hu meħtieġ li jiġi determinat f’dana l-istadju tal-artikolu 401(2).
>
> ““Fit-23 ta’ Novembru 2005 kien hemm raġunijiet biżżejjed biex Joseph Lebrun jitqiegħed taħt att ta’ akkuża, u tordna l-kontinwazzjoni tal-proċediment kontra l-istess imputat, intimat f’dawn il-proċeduri.”

“Wara l-imsemmi digriet, il-qorti ser tgħaddi biex telenka x’jirriżulta mill-verbali tas-seduti. Dan jagħti stampa ċara ta’ dak li ġara tul dawn is-snin li ilhom pendenti dawn il-proċeduri:-

“• Fis-17 ta’ Mejju 2007 l-imputat reġa’ deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u l-atti ġew rinvjati lill-Avukat Ġenerali;

“• Fis-27 ta’ Ġunju 2007 ma sar xejn peress li ngħad li l-qorti kienet okkupata b’xogħol urġenti;

“• B’rikors preżentat fit-18 ta’ Ġunju 2007 l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti Kriminal li bis-saħħa tal-artikolu 432 tal-Kap. 9 ittawwalu ż-żmien sabiex jippreżenta l-att ta’ akkuża. B’digriet mogħti fit-18 ta’ Ġunju 2007 il-qorti laqgħet it-talba;

“• Fit-13 ta’ Awissu 2007 ma sar peress li ngħad li l-qorti kienet okkupata b’xogħol urġenti;

"• Fl-24 ta' Settembru 2007 ma sarx progress għaliex ma dehrux xhieda u l-prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta r-riferti tan-notifika;

"• Fil-25 ta' Ottubru 2007 l-imputat talab lill-qorti sabiex tordna riferenza kostituzzjonali għaliex argumenta li meta reġa' tressaq il-qorti għat-tieni darba fuq l-istess akkużi kien ġie miksur l-artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

"• Fid-29 ta' Ottubru 2007 il-qorti laqgħet talba għal riferenza kostituzzjonali in konnessjoni mar-rikors tal-25 ta' Ottubru 2007 u ddiferiet il-każ *sine die*;

"• B'sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li ngħatat fit-18 ta' Jannar 2008 il-qorti ċaħdet l-ilment tal-imputat. Joseph Lebrun appella u b'sentenza tat-2 ta' April 2008 il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell bħala frivolu u vessatorju;

"• Fid-9 ta' April 2008 ma sar xejn wara li l-qorti ġiet infurmata li l-uffiċjal prosekutur kien impenjat b'xogħol urġenti;

"• B'rikors preżentat fit-23 ta' Mejju 2008 Joseph Lebrun talab lill-qorti biex tissoprasjedi għaliex kien irrefera l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea. Mill-atti ma jirriżultax li ngħata digriet;

"• 27 ta' Mejju 2008 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma attendiex għas-seduta;

"• 7 ta' Lulju 2008 dehru żewġ xhieda u ddikjaraw li x-xiehda tagħhom kienu fil-proċess verbal. Il-każ ġie differit;

"• 13 ta' Awissu 2008 x-xhieda reġgħu ma dehrux u l-atti ġew rinvijati lill-Avukat Ġenerali;

"• 16 ta' Settembru 2008 x-xhieda reġgħu ma deherux u l-atti ġew rinvijati lill-Avukat Ġenerali;

"• 28 ta' Ottubru 2008 instema' xhud;

"• 11 ta' Novembru 2008 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma deherx. L-atti ġew rinvijati għand l-Avukat Ġenerali;

"• 6 ta' Diċembru 2008 u l-prosekuzzjoni reġgħet ma ressqitx provi. L-atti intbagħatu lill-Avukat Ġenerali;

"• 3 ta' Frar 2008 reġa' ma sar xejn. Il-qorti ġiet infurmata li l-uffiċjal prosekutur kien okkupat b'xogħol urġenti;

"• 23 ta' Marzu 2009 ma sar xejn;

"• 5 ta' Mejju 2009 tista' tgħid li reġa' ma sar xejn għajr li ġiet preżentata sentenza. *Inoltre* l-prosekuzzjoni talbet li jinħatar espert biex jagħmel kopja ta' *telephone intercepts* li kienu ġew esebiti, sabiex jiġu preżentati fi proċeduri oħra. Il-qorti laqgħet it-talba u ħatret lill-avukat Dr Martin Bajada. Deher Dr Bajada fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009 u ddikjara li l-inkarigu li kien ingħata fil-11 ta' Novembru 2005 kien ġie espeletat bir-rapport esebit fit-18 ta' Novembru 2005;

“• 16 ta’ Ġunju 2009 reġgħu ma nstemgħux xhieda u l-qorti ġiet infurmata li wieħed mix-xhieda kien imsiefer;

“• 28 ta’ Lulju 2009 reġgħu ma nstemgħux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalet li m’għandhiex riferti;

“• 31 ta’ Awissu 2009 reġgħu ma nstemgħux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalet li m’għandhiex riferti;

“• 16 ta’ Ottubru 2009 reġgħu ma nstemgħux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalu li m’għandhomx riferti;

“• 27 ta’ Novembru 2009 reġgħu ma nstemgħux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalu li m’għandhomx riferti;

“• 18 ta’ Jannar 2010 ma sar xejn peress li l-imputat kellu jattendi l-isptar;

“• 2 ta’ Marzu 2010 instema’ xhud. Dakinhar l-uffiċjal prosekutur talab li l-inkarigu ta’ Dr Bajada jiġi estiż għat-tielet vuċi li tinstema’ fir-*recording*. Il-qorti laqgħet it-talba minkejja li d-difiża oġġezzjonat;

“• 20 ta’ April 2010 ma deher ħadd;

“• 8 ta’ Ġunju 2010 reġa’ ma sar xejn. Id-difiża talbet l-isfilz ta’ *compaċt disc*;

“• 20 ta’ Lulju 2010 l-uffiċjal prosekutur ma deherx u reġa’ ma sar xejn;

“• 31 ta’ Awissu 2010 ma sar xejn;

“• 18 ta’ Ottubru 2010 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma deherx;

“• 30 ta’ Novembru 2010 ma sar xejn. Filwaqt li fir-rinviji tal-Avukat Ġenerali kienu qegħdin jissemmew bħala xhieda l-Maġġur Inglott u Kaptan Debono, kien biss f’din is-seduta li l-prosekuzzjoni qalet li dawn kienu diġà xehdu;

“• 18 ta’ Jannar 2011 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma deherx;

“• 4 ta’ Marzu 2011 xehed l-Ispettur Silvio Valletta;

“• 15 ta’ April 2011 ma sar xejn;

“• 31 ta’ Mejju 2011 ma sar xejn;

“• 11 ta’ Lulju 2011 ma sar xejn. Il-prosekuzzjoni ddikjarat li m’għandhiex ir-riferti;

“• 25 ta’ Awissu 2011 ma sar xejn;

“• 4 ta’ Ottubru 2011 ma sar xejn. Reġa’ ngħad li l-prosekuzzjoni m’għandhiex riferti;

“• 11 ta’ Novembru 2011 ma sar xejn. Il-qorti ġiet infurmata li l-uffiċjal prosekutur impenjat fuq xogħol urġenti;

“• 21 ta’ Diċembru 2011 reġa’ ma sar xejn;

“• 30 ta’ Jannar 2012 reġa’ ma sar xejn;

“• 14 ta’ Marzu 2012 reġa’ ma sar xejn. Din kienet l-ewwel darba li d-difiża ndenjat ruħha li tattira l-attenzjoni tal-Avukat Ġenerali sabiex jagħlaq il-provi;

“• 24 ta’ April 2012 reġa’ ma sar xejn. Il-prosekuzzjoni ddikjarat li m’għandhiex riferta ta’ Dr Bajada;

“• 4 ta’ Ġunju 2012 ma sar xejn;

“• 16 ta’ Lulju 2012 ma sar xejn u l-uffiċjal prosekutur ma deherx;

“• 20 ta’ Awissu 2012 ma sar xejn;

“• 5 ta’ Ottubru 2012 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma deherx;

“• 14 ta’ Novembru 2012 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur ma deherx;

“• 20 ta’ Diċembru 2012 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur reġa’ ma deherx;

“• 30 ta’ Jannar 2013 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur reġa’ ma deherx;

“• 4 ta’ Marzu 2013 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur reġa’ ma deherx;

“• 10 ta’ April 2013 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur reġa’ ma deherx. Id-difensur tal-imputat irrilevat li l-każ kien ilu pendenti mill-2005;

“• 22 ta’ Mejju 2013 ma sar xejn. Reġa’ ngħad li l-prosekuzzjoni m’għandhiex ir-riferti. Fir-rinviju reġa’ ssemma l-Maġġur Inglott u l-Kaptan Debono, kif ukoll Dr Martin Bajada dwar l-inkarigu mogħti lilu fit-2 ta’ Marzu 2010;

“• 28 ta’ Mejju 2013 ma sar xejn. L-uffiċjal prosekutur reġa’ ma deherx;

“• Fl-1 ta’ Lulju 2013 ġie ppreżentat rikors mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Kriminali sabiex ittawwalu ż-żmien għall-preżentata tal-att tal-akkuża bi 15 il-jum. Il-qorti laqgħet it-talba b’digriet tat-3 ta’ Lulju 2013;

“• Fil-25 ta’ Lulju 2013 reġa’ ma sar xejn u rriżulta li l-imputat m’huwiex notifikat;

“• Fit-28 ta’ Awissu 2013 xehedu Angelus Vella, Jason Said u Silvio Buttigieg. Xehed ukoll Dr Martin Bajada.

“Waqt is-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2005 id-difiża talbet li fir-rigward ta’ telefonata allegatament magħmula min-numru 79912623 fis-26/5/2005 fis-18.35, isir eżami tal-ilħna. Imbagħad fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2005 iċċarat li t-talba hi sabiex “... it-telefonata kontenuta fis-sessjoni numru 223 tiġi mqabbla mal-ilħna kontenuti fid-dokument GS1 u li allegatament saru minn jew gew riċevuti mit-telefon li għandu n-numru 79912629”. B’digriet li ngħata fil-11 ta’ Novembru 2005 il-qorti laqgħet it-talba u ħatret lil Dr Martin Bajada. Fit-18 ta’ Novembru 2005 l-espert tekniku ppreżenta r-rapport.

"Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2005 il-prosekuzzjoni talbet sabiex isir eżami bejn it-telefonati reġistrati fuq numru 79912629 fid-dati bejn 31 ta' Mejju 2005 u s-6 ta' Ġunju 2005 u l-vuċi tal-imputat bili l-qorti tordnalu li jagħti *sample* tal-vuċi jew billi tintuża *r-recording* tax-xiehda li ta fil-każ Pulizija *vs* Angelus Vella. Ma jirriżultax li l-qorti tat provvediment dwar din it-talba.

"Kien fit-2 ta' Marzu 2010 li l-qorti tat inkarigu ieħor lil Dr Martin Bajada sabiex jirrelata dwar it-tielet vuċi li jissemma fir-rapport tiegħu."

3. L-ewwel qorti mbagħad għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"i. Minn meta ngħata d-digriet mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2007 u ddeċidiet li "kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat Lebrun jitqiegħed taħt att ta' akkuża", għaddew iktar minn sitt (6) snin u l-każ għadu pendenti fl-istruttorja;

"ii. S'issa l-prosekuzzjoni għadha ma ddikjaratx li m'għandhiex iktar provi;

"iii. Tista' tgħid ikun hemm seduta kull xahar fejn ir-regola ġenerali hi li ma jsir xejn. Il-qorti għoddiet ħamsa u ħamsin (55) seduta mis-17 ta' Mejju 2007, u kienu biss fis-seduti tat-28 ta' Ottubru 2008, 2 ta' Marzu 2010, 29 ta' Ottubru 2007 u 4 ta' Marzu 2011 li nstemgħu xhieda; B'kollox instemgħu seba' (7) xhieda li meta tara x'qalu ma kellhomx jieħdu iktar minn żewġ (2) seduti. Imbagħad kien hemm seduta oħra fit-28 ta' Awissu 2013 fejn tnejn mix-xhieda invokaw id-dritt ta' silenzju (Jason Said u Angelus Vella) filwaqt li Silvio Buttigieg wieġeb għad-domandi iżda fl-ebda stadju ma implika lill-imputat bħala persuna li pparteċipat fit-twettiq ta' reat.

"iv. Filwaqt li fir-rigward tal-ewwel inkarigu Dr Bajada ħa ftit iktar minn sena biex lesta l-inkarigu, fir-rigward tat-tieni inkarigu għaddew s-snin u ma ġie ppreżentat l-ebda rapport. Wara li ngħata l-inkarigu, mill-verbali ma jirriżultax li l-espert qatt deher għas-seduta jew jekk deher qatt ġiet reġistrata l-presenza tiegħu fil-verbali.

"v. Fl-atti m'hemm l-ebda digriet tal-qorti fejn qiegħda tissolleċita lill-espert sabiex ilest l-inkarigu minnufih u fin-nuqqas li jittieħdu provvedimenti fil-konfront tiegħu. Wisq inqas hemm xi provvediment fil-konfront tal-espert;

"vi. Prassi kontinwa tal-prosekuzzjoni li ma tippreżentax riferti tax-xhieda li suppost ikunu mħarrkin biex jidhru għas-seduta. Il-qorti ma tifhimx per eżempju kif kellhom igħaddu kważi tliet snin mid-digriet tal-Qorti Kriminali biex Spettur fil-korp tal-pulizija jixhed u sempliċiment jikkonferma li l-imputat hu l-istess persuna li jissemma f'sentenza li ġiet esebita mill-prosekuzzjoni. Dan minkejja li x-xhud ripetutament kien qiegħed jissemma fir-rinvji tal-Avukat Generali;

“vii. Fir-rinviji tal-Avukat Generali kontinwament jissemmew bħala xhieda l-Maġġur Inglott u l-Kaptan Debono li skond it-tagħrif li kien qiegħed jagħti minn żmien għal żmien l-uffiċjal prosekutur kienu assenti minn Malta. Kien biss fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2010 li l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienu diġà xehdu. Madankollu fir-rinvji ta’ wara jibqa’ jissemma isimhom;

“viii. Kien fis-6 ta’ Settembru 2005 li r-rikorrent tressaq quddiem il-qorti għall-ewwel darba. Ftit iktar minn xahrejn wara ngħata d-digriet tal-qorti istruttorja li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taht att ta’ akkuża;

“ix. Mill-verbali tas-seduti jirriżulta li kien biss f’żewġ seduti li r-rikorrent ilmenta mid-dewmien tal-proċeduri. Però qatt ma saret talba lill-qorti biex jingħata provvediment;

“x. Fir-rigward tar-riferenzi kostituzzjonali li saru fuq talba tar-rikorrent, dawn ħadu mit-22 ta’ Frar 2006 sad-9 ta’ Frar 2007 u mid-29 ta’ Ottubru 2007 sat-2 ta’ April 2008;

“Kien biss fis-seduta tat-28 ta’ Awissu 2013 li Dr Martin Bajada ddikjara li m’huwiex f’posizzjoni li jaqdi l-inkarigu tiegħu. Fil-fatt f’nota li ppreżenta fit-28 ta’ Awissu 2013 jingħad:-

> ““Illi sabiex isir l-analisi mitlub mill-prosekuzzjoni huwa meħtieġ kampjun tal-vuċi ta’ Joseph Lebrun u *cioè* kampjun tal-kliem li hemm fir-*records* tat-tielet vuċi u kampjun ieħor magħżul mill-esponent.
>
> “Illi l-esponent kemm-il darba talab sabiex jingħata dan il-kampjun mingħand Joseph Lebrun, id-difiża oġġezzjonat u baqgħet toġġezzjona billi dejjem tagħmel riferenza għar-risposta tas-16 ta’ Ġunju 2009 li tinsab *a foll*. 899 u 900.
>
> “Illi tenut kont in-nuqqas ta’ volontà u l-oġġezzjoni tal-imputat li jagħti l-kampjun rikjest sabiex tkun tista’, jekk possibbli, issir l-analisi mitluba mill-prosekuzzjoni, l-esponent *ab initio* qatt ma kien f’posizzjoni jespleta dan l-inkarigu.”

“Mill-atti ma jirriżultax li dan il-fatt qatt inġieb għall-attenzjoni tal-qorti. Dak li qal l-espert ifisser li dak li l-prosekuzzjoni trid li jsir ma jistax isir jekk ma jkunx hemm il-koperazzjoni tal-imputat u jagħti *sample* tal-vuċi tiegħu. Kunsens li l-qorti qiegħda tifhem li l-imputat m’għandu l-ebda intenzjoni li jagħti. Fis-seduta tat-28 ta’ Awissu 2013 Dr Bajada xehed li l-inkarigu li ngħata ma jistax iwettqu għaliex “*voice recognition* isir *like to like.* Jekk mhux igħid l-istess diskors fuq il-ħamsa (5) l-oħra ma tistax tagħmel *voice comparison*. Ma tistax tqabbel għall-argument il-kelma 'karrozza' mal-kelma '*van*' għaliex *phonetically* għandhom żewġ tifsiriet differenti u kif isir *il-comparison*, l-i*spectogram* ma jirrispekjax l-istess *wave lenghts* tal-vuċi”. Il-qorti ma tistax tifhem kif kellhom igħaddu dawn is-snin kollha sabiex dan it-tagħrif jingħata lill-qorti. Ukoll jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed kellu jargumenta li l-qorti tista’ tordna lill-imputat biex jagħti tali *sample*, il-qorti ma tarax kif dan jista’ jitwettaq jekk l-imputat jibqa’ jirrifjuta li jitkellem.

"F'dan il-każ hemm il-ksur lampanti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni in kwantu l-imputat m'huwiex jingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Il-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tiċċita l-ġurisprudenza dwar dawn il-provvedimenti, u tillimita ruħha biex tgħid li fil-kawza kriminali:-

> ""(1) M'hemmx prova li dan hu xi każ tant kumpless li jimmerita dawk is-seduti kollha li saru għal xejn u trapass ta' tant snin. Il-qorti tifhem li l-investigazzjoni tal-pulizija setgħet ma kenitx faċli minħabba li l-każ jidher li hu mibni fuq provi indizzjarji. Però jekk din hi diffikultà għall-prosekuzzjoni ma jfissirx li l-każ hu diffiċli. F'kull każ il-kumpilazzjoni li saret u li wasslet għad-digriet tat-23 ta' Novembru 2005 hi l-aqwa prova dwar in-nuqqas ta' kumplessità;
>
> "(2) Ma jistax jingħad li kien hemm xi atteġġjament tar-rikorrent li wassal biex il-każ jitwal inutilment, b'eċċezzjoni tat-tieni riferenza kostituzzjonali (bejn it-22 ta' Frar 2006 u 9 ta' Frar 2007) meqjus li l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li t-talba kienet frivola u vessatorja. Jista' jissemma wkoll in-nuqqas tal-imputat li jipprotesta u jitlob li jingħataw provvedimenti mill-qorti sabiex ma jitkomplix jinħela ż-żmien. Dan iktar u iktar meta mid-deposizzjoni ta' Dr Martin Bajada jidher li l-imputat kien intalab li jagħti *sample* tal-vuċi iżda rrifjuta. Għall-qorti dan jista' jfisser biss li kien ċar li l-inkarigu li ngħata Dr Bajada ma setax iwettqu mingħajr l-koperazzjoni tal-imputat. Mela l-imputat faċilment seta' jitlob l-intervent tal-qorti.
>
> "(3) Għal din il-qorti wara li l-kompilazzjoni ngħalqet bid-digriet tat-3 ta' Mejju 2007, li għadhom qegħdin isiru rinvji tal-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, altru milli eċċeda kull parametru ta' smigħ raġonevoli. Dan iktar u iktar meta tqis il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni."

"Sfortunatament sal-lum l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali ma fih l-ebda *capping* dwar kemm-il rinviju jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali. Dan iwassal għal ripetizzjoni ta' seduti. Minkejja li Dr Bajada għadu ma ppreżentax ir-rapport il-qorti ma tifhimx x'inhu jżomm lill-Avukat Ġenerali milli joħroġ l-att ta' akkuża jekk beħsiebu li l-każ imur ġuri. Dan meta tqis li l-prova tista' ssir ukoll fil-kors tas-smigħ tal-kawża wara li l-Avukat Generali jiddeċiedi skond l-artikolu 120A(2) fejn għandu jsir il-proċess. Mid-deposizzjoni tas-Supretendent Ciappara hu evidenti li l-prosekuzzjoni hi altru milli konvinta mill-każ.

"Madankollu l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:-

> ""Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-gudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."

"Bħala rimedju r-rikorrent qiegħed jitlob li din il-qorti tordna t-twaqqif tal-kawża kriminali. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex possibbli in kwantu:-

"1) Il-kompilazjoni hi magħluqa u l-Qorti Kriminali ddikjarat li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex ir-rikorrent jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

"2) Legalment ir-rinvji tal-Avukat Ġenerali qegħdin isiru *ai termini* tal-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali. F'dawn il-proċeduri m'hujiex tiġi impunjata l-validità ta' provvediment tal-liġi li qiegħed jagħti wkoll il-kontribut tiegħu għal dan id-dewmien ezaġerat;

"3) Il-provi tal-prosekuzzjoni nġabru għajr għall-aħħar prova;

"4) Il-qorti ma taqbilx ma' rimedju simili meta tqis ukoll li l-imputat sa mill-bidunett kien assistit minn avukati tal-għażla tiegħu. Hu d-dmir tad-difi+a li ma tibqax passiva u tieħu sehem attiv fejn tara li l-prosekuzzjoni qiegħda tkaxkar saqajha u taħli l-ħin, billi tipprotesta u titlob li jingħata provvediment mill-qorti. M'għandux ikun li d-difiża toqgħod tistenna u wara t-trapass ta' snin toħroġ bil-proposta li l-proċeduri kriminali għandhom jieqfu.

"Għalhekk ir-rimedju li ser tagħti l-qorti hu wieħed monetarju. Hemm ukoll li l-Avukat Ġenerali jieħu deċiżjoni finali dwar jekk il-każ huwiex ser jiġi trattat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali. Fil-fehma tal-qorti ma jistax jibqa' jkaxkar saqajh iktar u iktar meta llum hemm ix-xhieda ta' Dr Martin Bajada. Kull ġurnata li tgħaddi tfisser biss li d-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli qiegħed jinkiser. Fl-istadju li jinsabu l-proċeduri kriminali hu l-Avukat Ġenerali li jħoll u jorbot, in kwantu jrid jiddeċiedi jekk jibqax jitlef iktar żmien bir-rinviji jew jieħu deċiżjoni finali fejn għandu jsir il-proċess. Meqjus li:-

"i. minn meta ngħata d-digriet mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2007 għaddew iktar minn sitt (6) snin;

"ii. sal-lum ma jirriżultax li l-Avukat Ġenerali għadu ħa deċiżjoni *ai termini* tal-srtikolu 120A(2) tal-Kap. 101;

"iii. Fid-digriet tat-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti Kriminali iddikjarat li kien hemm każ *prima facie* sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

"iv. Mit-3 ta' Mejju 2007 ftit li xejn sar;

"Il-qorti ser tordna li l-Avukat Ġenerali jħallas lir-rikorrent is-somma ta' għaxar euro (€10) għal kull ġurnata li tgħaddi mil-lum sakemm jippreżenta l-att ta' akkuża jew igħarraf lill-qorti li l-każ għandu jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali."

4. Wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

"Għal dawn il-motivi l-qorti tiddiċiedi r-rikors billi:-

"1. tiddikjara li fil-każ Il-Pulizija *vs* Joseph Lebrun (791/05) pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, inkiser u qiegħed jinkiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli (artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni);

"2. tiċħad it-tieni talba;

"3. bħala rimedju tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent:-

"i. sitt elef euro (€ 6,000);

"ii. għaxar euro (€ 10) kuljum b'effett mil-lum sal-ġurnata li fiha l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-att ta' akkuża kontra l-imputat jew jiddikjara li l-każ għandu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

"Spejjeż a karigu tal-intimat."

5. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-Avukat Ġenerali, b'rikors tal-4 ta' Ottubru 2013, kif ukoll l-attur, b'rikors tas-7 ta' Ottubru 2013. L-Avukat Ġenerali wieġeb għall-appell tal-attur fil-21 ta' Ottubru 2013 u l-attur wieġeb għall-appell tal-Avukat Ġenerali fit-30 ta' Diċembru 2013.

6. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa illi l-ewwel qorti "għamlet apprezzament ħażin tal-fatti mertu tal-proċeduri odjerni". Igħid illi ma hux minnu dak li qalet l-ewwel qorti illi "l-kumpilazzjoni ngħalqet bid-dikriet tat-3 ta' Mejju 2007". B'dak id-dikriet il-Qorti Kriminali iddeċidiet biss dwar il-probabilità *prima facie* ta' ħtija iżda, biex l-Avukat Ġenerali joħroġ l-att ta' akkuża, huwa meħtieġ li bil-kumpilazzjoni jinġabru l-provi kollha u mhux biss dawk li juru ħtija *prima facie*.

7. Dan huwa minnu. Iżda l-kwistjoni fil-każ tallum ma hijiex jekk il-kumpilazzjoni ngħalqix jew le iżda jekk il-proċeduri tmexxewx bil-ħeffa

u bl-effiċjenza meħtieġa biex l-attur jingħata smigħ fi żmien raġjonevoli. Biżżejjed tħares lejn il-lista ta' seduti kompilata mill-ewwel qorti, u tara kemm-il seduta nħliet għax fiha ma jsir xejn jew, agħar minn hekk, lanqas biss jidher l-uffiċjal prosekutur, biex tgħid illi b'ebda kriterju ma jista' jingħad illi l-proċedura tmexxiet b'ħeffa u b'effiċjenza.

8. Inutli għall-Avukat Ġenerali li jgħid illi l-espert tekniku dam biex wettaq l-inkariku tiegħu u anzi baqa' ma wettqux għax ma kellux it-tagħrif kollu li kien jeħtieġ. L-Avukat Ġenerali kien imissu jew għamel dak li kellu jagħmel biex dak it-tagħrif jinġieb jew, jekk dan ma kienx legalment possibbli, joqgħod mingħajr il-prova relativa. Ċertament ma jistax iħalli l-proċeduri pendenti *ad æternum* sakemm forsi dik il-prova titfaċċa. Dan in-nuqqas isir aktar gravi meta tqis illi l-qorti lanqas biss kienet mgħarrfa bid-diffikoltajiet li kien qiegħed isib l-espert u tħalliet tagħti differiment wara ieħor bħallikieku kollox kien miexi sew.

9. Il-verità hi illi daħlet il-prassi – ħażina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-każ bil-lajma, kultant tresaq xi xhud, kultant xi prova oħra u kultant lanqas biss tidher għas-seduta – bħallikieku din hija biss ħaġa fakoltativa – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi żmien ta' ġimgħat tieħu s-snin. Kulħadd jaqbel li din hija prassi ħażina u ma huwiex meħtieġ intervent leġislativ biex tinbidel, iżda xorta jibqa' jsir l-istess. L-argumenti mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan l-aggravju juru illi lanqas dak l-uffiċjal għadu ma jrid jifhem u jammetti li din hija prassi li għandha tinbidel, u minnufih.

10. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

11. Fit-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel qorti "ma tatx id-debita konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet imressqa [minnu] u għamlet apprezzament ħażin tal-fatti konnessi mal-proċeduri penali".

12. Essenzjalment dan huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju. L-Avukat Ġenerali jgħid illi "huwa ma kienx f'posizzjoni li joħroġ l-att tal-akkuża meta ngħata d-dikriet tal-*prima facie* fit-3 ta' Mejju 2007", u jkompli jgħid illi "kien ikun manifestament negliġenti u irresponsabbli li kieku għamel hekk". Dan jista' jkun minnu, iżda l-alternativa ma hijiex illi l-prosekuzzjoni ma tagħmilx dak li hu meħtieġ biex jingħalaq il-ġbir tax-xiehda, illi tħalli li jsiru seduti bla ma jsir xejn fihom, jew li tonqos li tidher fis-seduti kollha li żżomm il-qorti. Il-fatt illi l-att tal-akkuża ma jistax jinħareġ qabel ma jkunu nġabru x-xiehda ma jfissirx illi l-ġbir tax-xiehda jista' jiġġebbed minn sena għal oħra meta l-liġi trid illi, ħlief għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jintemm fi żmien ta' ġimgħat mhux ta' snin. Fil-fatt, fil-każ tallum ma nġabret enbda xiehda li ma setgħetx, li kieku l-proċedura tmexxiet b'għaqal u ħeffa, inġebret fi żmien ftit ġimgħat.

13. Din il-prassi, jerġa' jingħad, ma hijiex kompatibbli ma' sistema ta' ġustizzja modern.

14. It-tieni aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

15. L-aħħar aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti. Dwar il-kundanna għall-ħlas ta' sitt elef euro (€ 6,000))

josserva illi dan l-ammont "huwa eċċessiv". Isemmi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[1] fejn ingħata kumpens anqas ukoll fejn id-dewmien kien aktar.

16. Dwar dan l-ilment il-qorti tosserva illi, sakemm ma jintweriex illi l-*quantum* likwidat mill-ewwel qorti huwa manifestament irraġonevoli u fin-nuqqas ta' kriterji matematiċi ta' likwidazzjoni ta' danni essenzjalment morali, ma għandhiex tiddisturba l-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel qorti. Din il-qorti ma tarax illi dik il-likwidazzjoni kienet irraġonevoli jew esaġġerata u, anzi, meta tqis il-pass li bih tmexxew il-proċeduri tal-kumpilazzjoni, hija ġustifikata. Għalhekk tiċħad din il-parti tal-aggravju.

17. L-Avukat Ġenerali jilmenta wkoll mill-kundanna għall-ħlas ta' penali ta' għaxar euro (€ 10) għal kull jum ta' dewmien ulterjuri. Igħid illi ma jistax jippreżenta l-att tal-akkuża sakemm ma jkunux inġabru x-xiehda, u l-ġbir tax-xiehda għadu ma ngħalaqx.

18. Il-qorti ttenni iżda illi l-kwistjoni ma hijiex jekk il-ġbir tax-xiehda ngħalaqx jew le iżda jekk il-proċeduri tmexxewx b'ħeffa u effiċjenza biżżejjed biex is-smigħ jintemm fi żmien raġonevoli. Jekk, biex jitressaq l-att tal-akkuża, hu meħtieġ illi jingħalaq il-ġbir tax-xiehda, mela għandu jsir dak kollu meħtieġ biex il-ġbir tax-xiehda jingħalaq fi żmien raġonevoli u, kif rajna, dan manifestament ma sarx. Id-dewmien

[1] Pedersen u Baadsgaard *v* id-Danimarka, 17 ta' Diċembru 2004, rik. 49017/1999; Stoianova u Nedelcu *v.* ir-Rumanija, 4 ta' Awissu 2005, rikk. 77517 u 77722/2001; Vayiç *v.* it-Turkija, 20 ta' Ġunju 2006, rik. 18078/2002; Zarb *v.* Malta, 4 ta' Lulju 2006, rik. 16631/2006.

fil-ġbir tax-xiehda ma jiġġustifikax id-dewmien biex jitressaq l-att tal-akkuża.

19. L-Avukat Ġenerali iżda għandu raġun fejn igħid illi l-ewwel qorti żbaljat meta ikkundannatu jħallas lill-attur għaxar euro (€ 10) kuljum "sal-ġurnata li fiha l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-att ta' akkuża kontra l-imputat jew jiddikjara li l-każ għandu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali", għax fil-fatt, kif jixhed l-ordni li kopja tiegħu qiegħda *fol.* 3 tal-proċess tal-ewwel qorti, l-Avukat Ġenerali ġà ordna illi l-attur jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Din il-parti tas-sentenza għalhekk għandha tiġi riformata fis-sens illi l-ħlas jibqa' jsir sa dakinhar li jinħareġ l-att tal-akkuża, iżda dan ma jibdilx il-meritu tas-sentenza.

20. Ngħaddu issa għall-appell tal-attur. L-aggravju ta' dan ukoll jolqot ir-rimedju mogħti. Igħid illi r-rimedju għandu jkun "wieħed effikaċi u effettiv", waqt illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti ma kien xejn minn dan għax "kien biss penali pekunjarja *de minimis* fuq l-istat intiża sabiex l-appellat ifittex joħroġ l-att tal-akkuża". Igħid illi l-ħtija tad-dewmien kienet kollha fuq il-parti l-oħra u, ladarba "ma iġġudikahx fi żmien raġonevoli, allura issa l-istat jingħad li tilef id-dritt li jiġġudikah".

Isemmi wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Teteriny *v.* ir-Russja[2] fejn il-qorti qalet hekk:

> *"The Court reiterates that the most appropriate form of redress in respect of a violation of Article 6 is to ensure that the applicant as far as possible is put in the position in which he would have been had the requirements of Article 6 not been disregarded."*

21. Din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-attur. Tassew illi min iġarrab ksur ta' jedd għandu jingħata rimedju li, kemm jista' jkun, iqiegħdu fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku ma ġarrabx dak il-ksur. Fil-każ tallum, iżda, li kieku l-attur ingħata smigħ fi żmien raġonevoli r-riżultat ma kienx ikun illi l-proċeduri kontrieh jitwaqqfu qabel ma jkunu ntemmu. Il-proċeduri jridu f'kull każ jieħdu l-kors tagħhom għax l-istat ta' dritt irid mhux biss illi jitħarsu l-jeddijiet fondamentali iżda wkoll illi min jikser il-liġi jħallas il-konsegwenzi tal-għemil tiegħu. L-ewwel qorti ma setgħetx idawwar lura l-arloġġ u għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma setgħetx tagħti ħlief rimedju pekunjarju. Il-qorti iżda ma waqfitx hemm, għax tat ukoll rimedju, fil-forma ta' ħlas ta' penali *per diem*, bil-ħsieb illi l-Avukat Ġenerali ma jkomplix jitnikker u jagħmel dak li għandu jagħmel biex il-proċeduri jitwasslu sat-tmiem tagħhom.

22. L-appell tal-attur huwa għalhekk miċħud.

23. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell tal-attur u tiċħad ukoll l-appell tal-Avukat Ġenerali ħlief relativament għad-*dies ad quem* għall-ħlas ta' għaxar euro (€ 10) kuljum. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata

[2] 30 ta' Ġunju 2005, rik. 11931/2003, para. 56.

billi, fil-parti fejn ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur għaxar euro (€ 10) kuljum sal-ġurnata li fiha l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-att ta' akkuża kontra l-attur jew jiddikjara li l-każ għandu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tħassar il-kliem minn "jew jiddikjara … … ..." sa "... … … Ġudikatura Kriminali". Tikkonferma s-sentenza fil-bqija. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; kull parti tħallas l-ispejjeż tal-appell imressaq minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------